MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2007

Numru. 603/2007

Il- Pulizija
(Spettur Martin Sammut,
Spettur Carmelo Abdilla)

-vs-

Calogero Tirinnocchi Penna
Francesco Maria Sanfilippo
Pietro Grisafi

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Calogero Tirinnocchi ta’ 19 il- sena, iben Alfonzo u Carmela, imwieled fis- 16 ta’ Jannar 1988 f’ Agrigento, l- Itajla, u residenti gewwa Kamra 5021, Vallette Resort, Triq id-Dragonara, San Giljan, detentur tal- karta ta’ l- identita’ Taljana bin- numru AK 9373172.

Francesco Maria Sanfilippo ta’ 18 il- sena, iben Bruno u Angela, imwieled fid- 19 ta’ Mejju, 1989, f’ Agrigento, l- Itajla, u residenti gewwa Kamra 5021, Vallette Resort, Triq id- Dragonara, San Giljan, detentur tal- karta ta’ l- identita’ Taljana bin- numru AK 9377637.

Pietro Grisafi ta’ 18 il- sena, iben Aldo u Francha, imwieled fid- 9 ta’ Novembru 1988 f’ Agrigento, l- Itajla, u residenti gewwa Kamra 5021, Vallette Resort, Triq id- Dragonara, San Giljan, detentur tal- karta ta’ l- identita’ Taljana bin- numru AN 4144185.

Akuzati talli f’ dawn il- Gzejjer nhar il- 15 ta’ Lulju 2007, f’ xi hin bejn is- sebgha (19.00hrs) u l- hdax (23.00hrs) ta’ filghaxija, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, minn gewwa l- kamra 5032, St. George’s Park, maghrufa wkoll bhala La Vallette Resort, Triq id- Dragonara, San Giljan, irrendew ruhhom komplici fis- serq ta’ diversi hwejjeg li jinkludu telefon cellulari tal-marka Motorola, kamera digitali tal- marka Sony, pen drive u diversi ibiesi u oggetti ohra, ghal valur komplessiv ta’ aktar minn Lm100 izda anqas min Lm1000, ghad- dannu ta’ Marina Arkhipova u Daria Pavlova, liema serq huwa aggravat bil- ‘mezz’ u bl- ‘ammont’.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja fis-17 ta’ Lulju 2007 l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghthom zmien biex jahsbuha.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat l-artikoli 42, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzati.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f'l-udjenza tas-17 ta' Lulju 2007 l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputati li hija wahda netta, kif ukoll l-ammissjoni ta' l-imputati f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll f'l-istqarrija taghhom u l-kooperazzjoni taghhom mal-Pulizija. Ikkunsidrat ukoll li huma diga hallsu partu mill-valur ta' l-oggetti misruqa. Tenut kont ta' dan u l-eta ta'l-imputati u tenut kont tan-natura tar-reati l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 42, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet lilhom adebiti u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena (1) mill-llum u li jhallsu l-bilanc ta' tmien mitt (800) Euro lill-parte lesa fi zmien tlett (3) ijiem mill-llum, b'dan li jekk l-imputati jkunu jixtiequ jitilqu minn Malta qabel dan il-perjodu ta' tlett ijiem huma jkunu obbligati jhallsu dan il-bilanc ta' 800 Euro qabel ma jitilqu minn Malta.

Il-Qorti spejgat lill-hatja bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmlu reat iehor matul dan il-perjodu ta' sena xhur, jew jekk ma jhallsux l-ammont dovut minnhom kif fuq stipulat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------